

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10411/23
ADD 2

AG 48
INST 209
JAI 822

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 311 final
Suġġett:	ANNESS tal-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 311 final, Annex 2.

Mehmuż: COM(2023) 311 final, Annex 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2023
COM(2023) 311 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-QORTI EWROPEA TAL-
ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-
AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

ANNEX

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA SIMPLIFIKATA

(biex tintuża għal kwalunkwe deċiżjoni interna tal-Kummissjoni ta' sinifikat ġenerali b'impatt baġitarju fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva jew fuq ir-riżorsi umani, meta l-użu ta' kwalunkwe tip ieħor ta' dikjarazzjoni finanzjarja ma jkunx xieraq –l-Artikolu 56 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsimi tal-Kummissjoni dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea)

1. Titolu tal-abbozz ta' deċiżjoni:

Ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali tal-Etika.

2. Qasam (oqsma) ta' politika u attività/ijiet ABB ikkonċernat/i:

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u l-konsulenza legali –Titolu 20. Nefqa amministrattiva – il-Kapitolu 20 01 Membri, uffiċjali u aġenti temporanji u l-Kapitolu 20 02 Persunal ieħor u nefqa relatata ma' persuni (Intestatura VII).

3. Bażi legali

☒ Awtonomija amministrattiva

☐ Oħra (*speċifika*): _____

4. Deskrizzjoni u raġunijiet:

Il-Kummissjoni qed tippromovi ftehim biex jiġi stabbilit korp tal-etika komuni għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni (kollha flimkien, il-“Partijiet”). Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investiment jista' wkoll isir Parti għal dan il-Ftehim wara li jidħol fis-seħħ.

Il-kompiti tal-Korp huma esklussivament relatati mal-obbligi etiċi tal-membri tal-istituzzjonijiet u taż-żewġ korpi konsultattivi. Il-kompiti konkreti tal-Korp huma (i) li jkun mekkaniżmu formali għall-koordinazzjoni u l-iskambju ta' fehmiet bejn il-partijiet, (ii) li jħejji standards minimi etiċi komuni għall-imġiba tal-membri tal-partijiet u (iii) li jorganizza skambji ta' fehmiet abbażi tal-valutazzjoni, magħmula minn Parti, tal-allinjament tar-regoli interni tagħha stess mal-istandards rakkomandati msemmija hawn fuq.

Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-istituzzjonijiet parteċipanti, jistgħu japplikaw b'mod volontarju s-sett sħiħ ta' standards minimi komuni żviluppati jew li għandhom jiġu żviluppati mill-Korp tal-Etika. F'dan il-każ, se jkollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-membri tal-Korp tal-Etika dwar ir-regoli interni tagħhom relatati ma' oqsma fejn l-istandards ġew żviluppati.

Il-korp għandu jikkonsisti minn rappreżentant wieħed minn kull Parti, fil-prinċipju, fil-livell ta' Viċi President. Kull Parti għandha taħtar membru sħiħ u sostitut. Tingħata flessibbiltà sabiex jinħatar rappreżentant li ma jkunx Viċi President, jekk ma tkun teżisti l-ebda funzjoni bħal din fi ħdan il-Parti, jew fejn għażla bħal din ma tkunx xierqa. Kwalunkwe spiża mġarrba minn membru tal-Korp jew is-sostitut tiegħu jew tagħha b'konnessjoni mad-dmirijiet tiegħu fil-Korp għandha tkun koperta mill-istituzzjoni li jappartjeni għaliha.

Il-ħidma tal-Korp għandha tiġi infurmata minn ħames esperti indipendenti li għandhom jaġixxu bħala osservaturi u għandhom jagħtu pariri dwar kwalunkwe kwistjoni etika relatata mal-mandat tal-Korp. Huma għandhom jattendu kull laqgħa tal-Korp u jipprovdu opinjoni għal skambju ta' fehmiet tal-Korp dwar l-allinjament tar-regoli interni tal-Parti mal-istandards rakkomandati. L-esperti indipendenti għandhom jirċievu l-istatus ta' Konsulent Speċjali mill-Kummissjoni u jkunu marbuta mal-Kummissjoni għal raġunijiet amministrattivi. Għandhom jirċievu rimborż għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni li jġarrbu meta jwettqu dmirijiethom. Huma għandhom jirċievu gratifika għal kull jum tax-xogħol ekwivalenti għar-remunerazzjoni ta' uffiċjal fil-grad AD12. Il-partijiet kollha għandhom jipprovdu kumpens finanzjarju annwali lill-Kummissjoni fil-bidu tas-sena finanzjarja biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi kollha mġarrba mill-Kummissjoni għall-Esperti indipendenti (gratifika, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni, indennizz ta' kuljum kif ukoll l-ispejjeż operattivi u loġistiċi l-oħra kollha (tagħmir tal-IT, eċċ.).

Il-membri tal-Korp se jkunu appoġġati minn segretarjat. Is-Segretarjat se jirrapporta lill-Korp, iħejji l-laqgħat tiegħu, jipprovdi assistenza operazzjonali fil-kompiti tiegħu, iħejji r-rapporti li jsegwu l-iskambji ta' fehmiet dwar l-awtovalutazzjonijiet magħmula mill-Partijiet, iħejji l-abbozz tar-rapport annwali, iwettaq kwalunkwe attività oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim; jidderieġi l-korrispondenza kollha li tkun dieħla u ħieġa mal-Korp lill-President tiegħu u/jew lill-Parti kkonċernata mill-korrispondenza.

Is-Segretarjat se jkun struttura operazzjonali konġunta iżda se jkun ospitat formalment fil-Kummissjoni. Għandu jkun magħmul mill-kapijiet ta' unità, jew ekwivalenti, responsabbli mill-etika għall-membri f'kull istituzzjoni parteċipanti. Il-persuna li jkollha dik il-pożizzjoni fil-Kummissjoni għandha taġixxi bħala l-"Koordinatur" għas-segretarjat sakemm ma tkunx inħatret persuna oħra mill-Kummissjoni bi qbil mal-Partijiet.

Il-korp għandu jimmaniġġja sit web pubbliku li fih l-informazzjoni kollha rilevanti għall-attivitajiet tiegħu għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-kompożizzjoni tiegħu kif ukoll il-kalendarju tal-laqgħat u l-aġendi tal-laqgħat.

Il-ħolqien tal-Korp għandu jissarraf f'żieda żgħira fir-riżorsi umani.

Jeħtieġ pożizzjoni waħda addizzjonali ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (1 AD) f'kull istituzzjoni li hija parti għall-ftehim. Filwaqt li jibqgħu assenjati fl-istituzzjoni rispettiva ta' assenjazzjoni tagħhom, dawn se jkunu disponibbli biex jassistu lis-Segretarjat abbażi tal-ħtiġijiet.

Barra minn hekk, huma meħtieġa żewġ ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (2 AST), biex jipprovdu appoġġ amministrattiv lis-segretarjat, lill-esperti indipendenti (pereżempju, l-

organizzazzjoni tal-missjonijiet tagħhom) iżda wkoll biex jiżguraw il-manutenzjoni tas-sit web pubbliku tal-Korp, u anki jżommu l-informazzjoni disponibbli aġġornata.

Soġġett għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-korpi konsultattivi li jipparteċipaw f'dan l-Arranġament bl-eċċezzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment, jekk dawn isiru Parti għall-ftehim, għandhom jassenjaw lill-Kummissjoni żewġ pożizzjonijiet AST fuq bażi ta' rotazzjoni annwali li tikkorrispondi għar-rotazzjoni annwali tal-Presidenza tal-Korp.

Fis-sena meta jkollhom il-Presidenza, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment, jekk isiru Parti għall-ftehim, għandhom jipprovdu kumpens finanzjarju annwali fil-bidu tas-sena finanzjarja li fiha jkollhom il-Presidenza. F'dawn il-każijiet ir-riżorsi umani se jiġu pprovduti mill-Kummissjoni.

5. Tul ta' żmien u estimu tal-impatt finanzjarju:

5.1 Perjodu ta' applikazzjoni:

- ☐ Deċiżjoni b'tul ta' żmien limitat: deċiżjoni fis-seħħ minn [data] sa [data]
☒ Deċiżjoni b'tul ta' żmien indefinit: deċiżjoni fis-seħħ minn [data] sa [data]

5.2 Impatt baġitarju stmat:

L-abbozz ta' deċiżjoni jinvolvi:

☐ iffrankar

☒ kostijiet addizzjonali (jekk iva, speċifika l-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali kkonċernat(i)): Intestatura VII

Imla t-tabella tal-estimu tal-impatt finanzjarju fl-Anness għall-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva jew għar-riżorsi umani. Jekk l-abbozz ta' deċiżjoni ikun ta' tul ta' żmien indefinit, il-kostijiet iridu jiġu indikati għal kull sena ta' żvilupp u mbagħad għal kull sena ta' ħidma b'kapaċità sħiħa (fil-kolonna "Kost totali/annwali").

5.3 Kontribuzzjonijiet mill-partijiet terzi għall-finanzjament tal-abbozz ta' deċiżjoni:

Jekk il-proposta tipprevedi kofinanzjament mill-Istati Membri jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandu jingħata estimu tal-livell ta' kofinanzjament, jekk ikun magħruf.

appropriazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5	Sena n+6	Total
<i>Speċifika is-sors/il-korp ta' kofinanzjament</i>								
TOTAL ta' appropriazzjonijiet kofinanzjati								

5.4 Spjegazzjoni taċ-ċifri:

Il-kostijiet medji għall-persunal jidhru f'qiegħ il-paġna

<https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/financial-statement.aspx>

Id-Deċiżjoni se twassal għar-riżorsi umani addizzjonali li ġejjin: 2 AST (EUR 342 000/sena għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet/għandhom jinqasmu bejn il-Partijiet matul iż-żmien) + 1 AD għal kull istituzzjoni parteċipanti (EUR 171 000/sena/istituzzjoni parteċipanti).

6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti:

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

[...]

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

[...]

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

7. Impatt fuq l-iffrankar jew il-kostijiet addizzjonali għall-allokazzjoni tar-riżorsi:

- ☒ Ir-riżorsi li se jinkisbu permezz ta' riallokazzjoni interna fid-dipartiment
- ☐ Ir-riżorsi li diġà huma allokat li dipartiment(i) ikkonċernat(i)

Ir-riżorsi li għandhom jintalbu waqt il-proċedura ta' allokazzjoni li jmiss

Ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa se jkunu sodisfatti minn riżorsi li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan l-istituzzjoni li jkollha l-presidenza.

F'dan il-kuntest huwa importanti li jtfakkar li l-istituzzjonijiet kollha tal-Intestatura 7 qed joperaw fil-kuntest ta' persunal stabbli. Konsegwentement, kwalunkwe żieda fil-persunal se tkun possibbli biss bi tnaqqis x'imkien ieħor, b'enfasi fuq ir-riallokazzjoni u r-riallokazzjoni fi ħdan is-servizzi.

ANNEX:

ESTIMU TAL-IMPATT FINANZJARJU (iffrankar jew kostijiet addizzjonali) FUQ L-APPROPRJAZZJONIJIET TA' NATURA AMMINISTRATTIVA JEW GĦAR-RIŻORSI UMANI

FTE = Ekwivalenti ta' Ingaġġ Full-Time

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titlu kkonċernat miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

<i>FTE f'persuni/sena</i>	Sena 2023		Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027			
	FT E	appropri.	FT E	appropri.	FT E	appropri.	FT E	appropri.	FT E	appropri.		
Intestatura 7												
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u/jew aġenti temporanji)												
20 01 02 01 u 20 01 02 02 (- (impatt kumulattiv għall-istituzzjonijiet kollha H7))	3	0,513	3	0,513	3	0,513	3	0,513	3	0,513	3	2,565
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)												
Persunal estern												
20 02 01 ("pakkett globali")												
20 02 03 (Delegazzjonijiet)												
20 02 05 (Konsulenti Speċjali)		0,107		0,107		0,107		0,107		0,107		0,535
Linji baġitarji oħra (<i>speċifika</i>)												
Subtotal – Intestatura 7	3	0,620	3	0,620	3	0,620	3	0,620	3	0,620	3	3,100
Barra mill-Intestatura 7												
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u/jew aġenti temporanji)												
01 01 01 01 (Orizzont Ewropa - Riċerka indiretta)												
01 01 01 11 (Orizzont Ewropa - Riċerka diretta)												
01 01 02 01 (Euratom, R&T, Riċerka indiretta)												
01 01 02 11 (Euratom, R&T, Riċerka diretta)												
01 01 03 01 (ITER)												
13 01 02 01 (Fond għad-Difiża - riċerka)												
Persunal estern												
Linja/i baġitarji (<i>dawk li qabel kienu l-linji "BA" (speċifika)</i>)												
- fil-Kwartieri Ġenerali												
- fid-Delegazzjonijiet												
01 01 01 02 (Orizzont Ewropa - Riċerka indiretta)												
01 01 01 12 (Orizzont Ewropa - Riċerka diretta)												
01 01 02 02 (Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom - riċerka indiretta)												
01 01 02 12 (Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom - riċerka diretta)												

01 01 03 02 (ITER)							
13 01 02 02 (Fond għad-Difiża – riċerka)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
Subtotal – Barra mill-Intestatura 7							
TOTAL							

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riasenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Appropriazzjonijiet amministrattivi oħra
ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

miljuni

	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Intestatura 7						
<u>Kwartieri Ġenerali:</u>						
20 02 06 01 - Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	-	-	-	-	-	
20 02 06 02 - Kostijiet tal-konferenzi u tal-laqqgħat						
20 02 06 03 - Kumitati						
20 02 06 04 - Studji u konsultazzjonijiet						
20 04 – Tagħmir u servizzi tal-ICT ¹	0,038	0,038	0,038	0,038	0,038	0,19
Linji baġitarji oħra (speċifika fejn meħtieġ)						
<u>Delegazzjonijiet:</u>						
20 02 07 01 – Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet						
20 02 07 02 - Taħriġ ulterjuri tal-persunal						
20 03 05 01 u 20 03 05 02 – Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata						
20 03 05 03 - Tagħmir, għamara, provvisti u servizzi						
Subtotal – Intestatura 7	0,038	0,038	0,038	0,038	0,038	0,19
Barra mill-Intestatura 7						
Linja/i baġitarji (speċifika)— Nefqa għal assistenża teknika u amministrattiva (ma tinkludix persunal estern) minn appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu "BA")						
- fil-Kwartieri Ġenerali						
- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 03 - Nefqa ta' ġestjoni oħra għal Orizzont Ewropa - riċerka indiretta						
01 01 01 13 - Nefqa ta' ġestjoni oħra għal Orizzont Ewropa - riċerka diretta						
01 01 02 03 - Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom - riċerka indiretta						
01 01 02 13 - Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom - riċerka diretta						
01 01 03 03 Nefqa ta' ġestjoni oħra għal ITER						

¹ ICT: Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Id-DIGIT irid jiġi kkonsultat.

13 01 02 03 Nefqa oħra għall-ġestjoni tal-Fond għad-Difiża – riċerka						
Linji baġitarji oħra (<i>speċifika fejn meħtieġ</i>)						
Subtotal – Barra mill-Intestatura 7						
TOTAL TA' KOLLOX	0,658	0,658	0,658	0,658	0,658	3,29

L-approprijazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-approprijazzjonijiet li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti.